


# Czech Republic & Germany
## PRAGUE & The Christmas Markets

Validu sal-5 ta' Settembru

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €765 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €775 |
| Kamra ta' persuna waħda | €910 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €700 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Air: Malta-Praga-Malta
- 20Kgs Bagalja + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skont il-programm (entraturi mhux inklużi)
- 4 t'iljieli - Hotel Prague Season 4 Star fiċ-ċentru
- Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Fund

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*

### GRUPP A: 15 - 19 TA' DIĊEMBRU — 5 t'ijiem

**INŻURU: Prague, Dresden, Karlovy Vary, Cesky Krumlov...**

**It-Tlieta 15 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fis-14:45 għat-titjira KM538 li ttir fl-17:20 u naslu fi-Praga fit-19:50, nibqgħu sejrin lejn il-**Hotel Archibald city 4 stars**. Sistemazzjoni tal-kmamar u ħin liberu. Ħdejn il-lukanda hawn diversi restaurants bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd.

**L-Erbgħa 16 ta' Diċembru**
Breakfast. Il-belt ta' **Praga** għandha wisq x'toffri lit-turist, għalhekk illum ikollna **city tour** ta' **Praga** biex naraw parti ta' din il-belt bħal **Prague Castle**, Kumpless kbir ta bini fejn fost l-oħrajn hawn il-kastell S.Vitus, il-bażilika ta' San Ġorġ u l-Palazz irjali, inkomplu billi nżuru l-Knisja fejn hemm il-Bambin ta' Praga, Kampa Island, **Charles Bridge eċċ.** **W**ara nofs ta'nhar min irid jista jmur ma' tour leader għal cruise (extra) madwar ix-**xmara Vlatva** min fejn naraw il-belt min perspettiva differenti. Wara jkollna ħin liberu biex ingawdu wieħed mill-**Christmas Markets** f''**Wenceslas Square'**. Filgħaxija norganizzaw (optional) **Dinner & Folklore Show** mill-isbaħ ġo lokalita tipika.

**Il-Ħamis 17 ta' Diċembru**
Eskursjoni ta' ġurnata ser tiħodna ġewwa il-belt ta' **Dresden**-hekk imsejħa bħala Firenze tan-naħa ta' Fuq, hi fost il-bliet Ġermaniżi l-aktar meraviljużi. Opportunità biex napprezzaw il-ġmiel tal-kastell viċin it-Theaterplatz, Opera House, Sempergalerie, Taschenbergpalais u Hofkirche. Naraw aktar postijiet ta' interess bħal hekk imsejħa Fürstenzug jew purċissjoni tal-prinċipijiet. Ikollna ħin liberu biex ingawdu l-ġmiel tal-**Christmas Market 'Striezelmarkt'.**

**Il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru**
Buffet breakfast u eskursjoni għal **Český Krumlov** li hi meqjusa bħala l-isbaħ belt tal-Bohemia. Din il-belt protetta u meqjusa mill-Unesco bħala World Heritage, tgawdi xenarju mill-isbaħ. Fi triqitna lejn Český Krumlov, li jinsab fuq ix-xmara Vltava, niltaqgħu ma' għadd ta' villaġġi ħelwin u kampanja spettakolari. Inżuru ċ-ċentru storiku kif ukoll il-kastell (dħul extra). Nżuru wkoll il **Xmas Market fi ' Svornosti Square'** Nirritornaw lura l-hotel u jkollna l-opportunita li nkomplu nżuru christmas markets oħra ġol belt sabiħa ta' Praga.



**Is-Sibt 19 ta' Diċembru**
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Karlovy Vary** fil-Punent tal-Bohemia, fejn matul il-vjaġġ tagħna ser ikollna l-opportunita' li napprezzaw il-kampanja ta' din iż-żona sakemm naslu. Il-belt ta' Karlovy Vary tinsab f'wied tassew sabiħ. Flimkien mal-gwida nżuru l-knisja **ta' Maria Magdalena, naraw il-famużi Spa Colonnades u l-funtani**. Hawn magħruf ħafna għax-xogħol tal-kristall u nsibu waħda mill-aqwa brands fid-dinja. Ma tistax tkun **Karlovy Vary** u ma ddugx il-famużi Wafers li huma tant delizzjużi, kif ukoll il-liquor tradizzjonali Becherovka u sintendi l-ilma naturali mineral springs. Ikollna ħin biżżejjed bied ingawdu il **Christmas markets** fejn insibu ħafna xogħol tal-idejn, Ikel tradizzjonali..... Nkomplu lejn l-ajruport għat-titjira mal KM539 li ttir fl 20:40 u naslu Malta 23:10.